KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037
MALTA

TAS-SLIEMA

SLIEMA LOCAL COUNCIL
81 Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037.
Malta

Telephone: +356 2133 7633
E: sliema.lc@gov.mt
W: sliemalc.gov.mt/en/

# LAQGĦAT TAL-KUNSILL TAS-SLIEMA TAL-GĦAXAR LEĠISLATURA - LAQGĦA NUMRU 6

Is-Sitt seduta tal-għaxar leġislatura tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet nhar l-Erbgħa 13 ta' Novembru 2024 fis-6pm ġewwa The Palace, Triq il-Kbira Tas-Sliema.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI** | John Pillow | Sindku |
| | Anton Debono | Viċi Sindku |
| | Joe Aquilina | Kunsillier |
| | Wallace Baldacchino | Kunsillier |
| | Emmanuel Borg | Kunsillier |
| | Ryan Borg | Kunsillier (online) |
| | John Dougall | Kunsillier |
| | Jacqueline Higgins | Kunsillier |
| | Vivienne Galea Pace | Kunsillier |
| | David Muscat | Kunsillier |
| | David Soler | Kunsillier |
| | Kevin Wain | Kunsillier |
| | Zack Zammit | Kunsillier (online) |

ASSENTI **B'APPOLOGIJA**
**(Skont Ordni Permanenti 14A (3)**

**ASSENTI**

| | | |
|---|---|---|
| **UFFIĊĊJALI PREŻENTI** | Pierre P Portelli | Segretarju Eżekuttiv |
| | Stefania Friggieri | Assistent Uffiċċjali Prinċipali |

*Is-Seduta bdiet b'din l-Aġenda fis-6:20pm:*

6.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

6.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 5;

6.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

6.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera;

6.5 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapporti tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sotto Kumitati;

6.6 Approvazzjoni ta' QR 3

6.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti;

6.8 Mozzjonijiet;

6.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

## 6.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI

**6.1.1** Il-Kunsill ma rċieva l-ebda ittra ta' apoloġija. Mandankollu rċieva talba mill-kunsilliera: Ryan Borg u Zack Zammit li jipparteċipaw online għal raġuni ta' mard.

## 6.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI 5;

6.2.1 Is-Sindku ressaq il-minuti tal-laqgħa numru 5 għall-approvazzjoni tal-Kunsill. Approvazzjoni Minuti 5_15 t'Ottubru, 2024

Il-Kunsillier R. Borg irrefera għal punt 5.5.1 u talab li ssir korrezzjoni fil-kelma 'PA' li għanda tinqara 'tal-Airnbnb'.

Il-Kunsillier D. Soler irrefera għal punt numru 5.54 u talab li tizdied il-frażi 'Il-Kunsillier D. Soler ipprezenta r-rapport tas-sotto kumitat lill-Kunsill'

Il-Kunsillier J. Aquilina rrefera għal punt 5.5.11 u talab li jitniżżlu l-ismijiet ta' kif kien ittieħed l-vot dwar *trick or treating.*

Kien hemm qbil unanimu għal dawn il-korrezzjonijiet.

Il-Kunsillier E. Borg ippropona l-approvazzjoni tal-minuti hekk kif korretti u kien s-sekondat mill-kunsillier J Dougall. Kien hemm qbil unanimu mill-kunsilliera preżenti.

## 6.3 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU;

6.3.1 **Ticket Booths:** *Ticket booths*

Is-Sindku qal li l-kwistjoni tat-tneħħija tat-*ticket booths* għada għaddejja u fil-fatt kien ser ikollu laqgħa mal-Ministeru tat-Turiżmu fit-22 ta' Novembru fejn ser tiġi diskussa l-loġistika u l-pjan ta' azzjoni.

- Il-Viċi Sindku saqsa minn ser ikun il-propjetarju tat-*ticket booths*, il-KL, l-MTA jew l-operaturi?
- Is-Sindku wieġeb li l-MTA ser ikunu responsabbli tat-*ticket booths.*

6.3.2 Is-Sindku semma li fil-15 ta' Novembru ser ikollu laqgħa mal-kummissarju tal-pulizija fejn ser jiġu diskussi numru ta' punti importanti għal lokalita' fosthom il-*Community Policing*, il-bejgħ ta' xorb alkoħoliku wara ċertu ħin, fost affarijiet oħra. *Laqgħa mal-kummissarju tal-pulizija*

- Il-Viċi Sindku saqsa jekk il-liġi tal-bejgħ ta' l-alkoħol huwiex għal fliexken biss.
- Is-Sindku wieġeb, li iva, l-liġi tgħodd għal fliexken tax-xorb biss

6:40pm > Il-Kunsillier Z Zammit telaq mill-laqgħa

- Il-Kunsillier R Borg tkellem dwar jekk il-kunsill jista' jara jekk kienx hemm xi aġġornament tal-liġi mill-2008 sal-lum.
- Is-Sindku wieġeb li ser isaqsi għal kopja tal-liġi aġġornata

6.3.3 Is-Sindku spjega li mhu ser isiru l-ebda xogħolijiet fit-toroq fil-lokalita' fiż-żmien il-festi tal-Milied. Il-kunsill għadu qed jistenna l-programm ta' xogħolijiet mingħand l-entiajiet governattivi li se jagħmlu x-xogħoijiet. *Xogħolijiet tat-toroq*

- Il-Kunsillier R Borg qal li kellu numru ta' nies li staqsewħ meta ser jibda x-xogħol fi Triq Tigne' u jekk huwiex vera li x-xogħol ser idum iktar minn tlett xhur.
- Is-Sindku wieġeb li ma jistgħax iwieġeb din il-mistoqsija għalissa għaliex m'għandux l-informazzjoni meħtieġa mill-entitajiet tal-Gvern li ser jagħmlu dan ix-xogħol.

## 6.4 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI;

6.4.1 Is-Seg. Eżek. spjega li wara li ingħalaq il-proċess tac-CFQ sabiex il-kunsill isib kuntrattur tad-dawl tal-Milied għal din is-sena, l-kunsill ma kien irċieva l-ebda offerta minn l-ebda kuntrattur li jarma d-dawl tal-Milied fit-toroq. *CFQ tal-Milied*

Għaldaqstant is-Sindku ressaq għall-approvazzjoni tal-kunsillieri preżenti li l-kunsill jirrikorri għal proċedura tad-*Direct Order*.
**Kien hemm qbil unanimu mill-kunsillieri preżenti.**

**6.5 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAR-RAPPORTI TAL-LAQGĦAT TA' KUMITATI U/JEW SOTTO KUMITATI;**

6.5.1 **Kumitat tal-Finanzi:**

Il-Kunsillier R Borg bħala chairperson tal-kumitat tal-Finanzi nforma l-kunsill li ħafna mill-għaqdiet mużikali ser jibbenifikaw minn EUR1,200 għal kunċert tal-Milied. Dawn il-flus huma parti mill-allokazzjoni tal-Fond għall-attivitajiet kulturali tal-KL. *Kumitat tal-Finanzi*

6.5.2 **Sotto-Kumitat ta' l-attivitajiet:**

Il-Kunsillier D Muscat qal li ltaqa' l-kumitat ta' l-attivitajiet tal-Milied. Hu spjega l-programm ta' l-attivitajiet fid-dettal. D Muscat spjega ukoll l-ammont totali li ser jonfoq il-KL, hu qal li l-ammont totali huwa ta' EUR14,000 u ressaq dan għall-approvazzjoni tal-kunsillieri preżenti. *Attivitajiet tal-Milied*

**Kien hemm qbil unanimu dwar dan mill-kunsillieri**

Il-Viċi Sindku semma t-toroq fejn ser isir it-tiżjin tad-dawl tal-Milied. *Tiżjin tal-Milied*

- Il-kunsilliera V Galea Pace staqsiet lis-Sindku meta ser jintrama d-dawl u meta ser jinxtel.
- Is-Sindku wieġeb li d-dawl kollu ser ikun armat u mixgħul sa

Il-Viċi Sindku is-somma ta' EUR24,426 għall-approvazzjoni tal-kunsillieri preżenti.

**Kien hemm qbil unanimu dwar dan mill-kunsillieri**

6.5.3 Il-Kunsillier D Muscat qara' r-rapport tal-kumitat ta' l-għażla għal Ġieħ tas-Sliema u spjega l-programm tas-serata fid-dettal. Hu semma l-ħames persuni li ġew nominati għal Premju ta' din is-sena, dawn huma: *Ġieħ tas-Sliema*

Lino Grech
Noel Turner
Mro Andrew Coleiro
Sister Riches Grech

Il-Kunsillier D Muscat ressaq dawn in-nomini għall-approvazzjoni tal-kunsillieri preżenti.

**Kien hemm qbil unanimu dwar dan mill-kunsillieri**

Il-kunsillier J Aquilina staqsa jekk ser ikun hemm *refreshments* għal kulħadd wara s-serata.

Is-Sindku issospenda l-laqgħa sabiex jiġi diskuss iktar fid-dettal din it-tema.

Is-Sindku f'isem il-KL kollu awgura l-isbaħ xewqat lil kunsillier R Borg għal wild li kellu flimkien mal-mara tiegħu.

Is-Sindku f'isem il-KL kollu awgura l-isbaħ xewqat lil Viċi Sindku li ser jiżżewweġ f'Diċembru.

6.5.4 **Sotto-Kumitat Attivitajiet ta' l-Anzjani:** *Attivitajiet għall-anzjani*

Il-Kunsillieri E Borg u V Galea Pace spjegaw l-attività li ġiet ippjanata għax-xahar ta' Novembru.

6.5.5 **Sotto-Kumitat tat-Tindif:** *Tindif*

Il-Viċi Sindku semma l-lista tal-postijiet fejn ser jitwaħħlu aktar CCTVs f'toroq fejn qed jiġi mormi skart goff u skart ieħor illegalment. Kompla jispjega li fit-tlett xhur li ġejjien dawn il-kameras ser jiġu installati.

6.5.6 **Sotto-kumitat ta' l-arti u l-innovazzjoni:** *arti u innovazzjoni*

Il-kunsillier K Wain qal li waqt l-ewwel laqgħa ġie diskuss il-possibilità li jiġu restawrati monumenti eżistenti. Kompla jispjega li ġie diskuss ukoll li jsiru numru ta' monumenti innovattiva/interattivi ġodda madwar il-lokalita'.

6.5.7 Is-Seg. Eżek. qal li fil-11 ta' Jannar ser jorganizza *full day seminar* fejn il-kunsillieri ser ikollhom iċ-ċans jippreżentaw l-istimi tal-proġetti tas-sotto-kumitati rispettivi tagħhom.

## 6.6 APPROVAZZJONI TA' QR 3

6.6.1 Ġie ppreżentat il-QR 3. Ir-rapport kellu bżonn jiġi rivedut u għandu jerġa jitressaq għall-approvazzjoni fis-seduta li jmiss.

## 6.7 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI

6.7.1 Is-Sindku ressaq l-iskeda tal-pagamenti għall-approvazzjoni tal-Kunsill. *Approvazzjoni tal-Pagamenti*

Kien hemm korrezzjoni fil-pagamenti bin-numri:
16 (R+G) li l-ammont jinqara Ewro 1,900 mhux Eur 2,000
43(eCabs) jiġi kkanċċelat għax kien diġa tħallas

Pagamenti bin-numri 27 (Callus) u 38 (S. Schembri) kien hemm qbil li jinzammu *on hold*

Il-kunsillier E. Borg ippropona l-approvazzjoni tal-pagamenti hekk kif emendati u l-Kunsillier D. Soler issekondah. Kien hemm qbil fost il-kunsillieri prezenti.

**6.8 MOZZJONIJIET**

6.8.1 Ma kien hemm l-ebda mozzjoni.

**6.9 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS**

6.9.1 Is-seduta ntemmet fid-9:20pm. Laqgħa oħra ġiet imsejħa għal nhar it-Tlieta 10 ta' Diċembru 2024 fis-6pm.

Minuti approvati llum : 10 ta' Diċembru 2024

| | |
|---|---|
| (IFFIRMATA) | (IFFIRMATA) |
| **John Pillow** | **Pierre P Portelli** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |

KUNSILL LOKALI SLIEMA LOCAL COUNCIL